MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2009

Talba Numru. 527/2005

**Nextweb Ltd**

**Vs**

**Alliance Malta Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta` Frar, tas-sena 2005 permezz ta` liema intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` Lm400.63c illum ekwivalenti ghal €933.22c, rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma` servizz ta` l-internet kif jirrizulta minn dokumenti ezebiti fl-istess avviz immarkati minn Dok. A sa Dok. D.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali sa mid-data ta` l-ahhar fattura kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra d-dokumenti ezebiti ma` l-istess avviz u ezamina bir-reqqa l-istess dokumenti.

Ra r-risposta pprezentata mis-socjeta` konvenuta datata 2 ta` Lulju, 2008 in forza ta` liema kkontestat it-talba attrici fis-sens illi ma kellhiex thallas l-ammont mitlub in vista tal-fatt illi qed tallega li l-istess socjeta` konvenuta ghad trid tithallas minghand id-diretturi tas-socjeta` attrici ghal ammont akbar minn daqshekk konsistenti f`poloz ta` l-assikurazzjoni mas-socjeta` konvenuta u f`dan is-sens kien hemm lok ta` kompensazzjoni fakultattiva b`riserva ghal eccezzjonijiet ulterjuri.

Ezamina x-xhieda moghtija minn Donald Schembri, rapprezentant tas-socjeta` attrici.

Gie notat ukoll illi fis-seduta ta` llum stess, 28 ta` Jannar, 2009, is-socjeta` konvenuta ghazlet minflok li tressaq il-provi in sostenn tar-risposta taghha, taghmel nota li permezz taghha tammetti t-talbiet tas-socjeta` attrici kif dedotti fl-avviz promotur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni ta` l-istess socjeta` konvenuta, tilqa` t-talba tas-socjeta` attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallasha s-somma ta` €933.22c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta` l-ahhar fattura u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu tas-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------